MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 27/1998/1

Paul Portelli, u b'degriet tat-3 ta' Marzu, 1998, ghandhom jidhlu l-kliem "proprio u bhala prokuratur ta' huh imsiefer, William Portelli"

vs

Joseph Portelli, u
Dun Felice Tabone, u b'degriet tat-3 ta' Marzu, 1998 jidhlu l-kliem "bhala kuratur tal-ufficcju Parrokkjali tal-Knisja Arcipretali ta' San Gorg ta' Victoria, Ghawdex" .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur proprio et nomine, wara li ppremetta :

Illi missier l-attur, u missier il-konvenut Joseph Portelli, u cioe' Salvu Portelli kien inkwilin ta' porzjon art maghrufa bhala "Tal-Horob" fil-limiti ta' Xewkija, Ghawdex tal-kejl ta'

cirka erbat itmiem, jew kejl verjuri, liema raba hija proprjeta’ tal-konvenut l-iehor Dun Felice Tabone nomine;

Illi mal-mewt ta’ Salvu Portelli, id-drittijiet lokatizji fuq din ir-raba ghaddew ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-Kap. 199 tal-Ligijiet ta’ Malta, u in mankanza ta’ xi assenjazzjoni ta’ dawn id-drittijiet, a favur il-membri tal-familja kollha ta’ l-istess Salvu Portelli, u cioe’ martu u wliedu kollha ;

Illi f’kawza separata, u cioe’ fil-kawza fl-ismijiet “Joseph Portelli vs L-Eccellenza Tieghu L-Isqof ta’ Ghawdex et”, citazz. Nru. 161/85, fil-prezent pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell, inti konvenut Joseph Portelli qieghed tallega illi missierek Salvu Portelli kien **verbalment** assenjalek id-drittijiet lokatizji fuq din ir-raba; u effettivament inti kont, **wara l-mewt ta’ Salvu Portelli ezattament fit-23 ta’ Mejju, 1983,** gejt irregistrat mill-konvenut Dun Felice Tabone bhala inkwilin ta’ din l-istess raba ;

Illi mhux veru illi Salvu Portelli kien assenja d-drittijiet lokatizji tieghu lilek konvenut Joseph Portelli, u inoltre kwalunkwe assenjazzjoni simili, anke jekk verament sehhet, kienet u hija nulla ghaliex assenjazzjoni ta’ drittijiet lokatizji tirrikjedi ad *validitatem* il-forma skritta ;

Illi ir-registrazzjoni tieghek konvenut Joseph Portelli bhala inkwilin hija ghalhekk bazata fuq premessa inezistenti u nulla; fi kwalunkwe kaz u independentement minn dan il-fatt saret bi pregudizzju tad-drittijiet tal-attur proprio et nomine bhala eredi ta’ missieru u kwindi kompartecipi fid-drittijiet lokatizji vigenti fuq ir-raba imsemmija fl-epoka tal-mewt ta’ Salvu Portelli .

Talab lill-konvenuti jghidu ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti :

1. tiddikjara illi d-drittijiet lokatizji fuq ir-raba de quo gia appartenenti lil Salvu Portelli illum jappartjenu lil uliedu kollha ;

2. illi ghaldaqstant inti Joseph Portelli ma intix l-uniku inkwilin ta’ din ir-raba ;

3. u konsegwentement illi r-registrazzoni tieghek Joseph Portelli bhala uniku inkwilin tal-istess raba hija nulla u minghajr ebda effett .

Bl-ispejjez, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa intom imsejha .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-attur proprio et nomine minnu maħlufa .

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Dun Felice Tabone nomine li eccepixxa :
1. Preliminarjament l-inkompetenza ta’ din l-Onorabbli Qorti li tisma’ u tittrattatta din il-kawza rationae valoris .

2. Preliminarjament ukoll hemm in-nullita’ tac-citazzjoni in kwantu l-attur ma ddistingwiex jekk hux jiccita lill-eccipjenti f’ismu proprju jew bhala prokuratur in rapprezentanza tal-Knisja Arcipretali ta’ San Gorg ta’ Victoria, Ghawdex, infatti waqt li fic-citazzjoni huwa gie indikat f’ismu proprju, fid-dikjarazjzoni gie citat in rapprezentanza tal-enti ekklesjastika msemmija .

3. Preliminarjament ukoll hemm il-*lis alibi pendens* billi l-istess mertu ta’ din il-kawza huwa mertu ta’ kawza ohra fl-ismijiet “Joseph Portelli vs eccellenza tieghu Monsinjur Isqof Nikola Cauchi” li ghadha pendenti .

4. Preliminarjament ukoll gialadarba qieghed jigi allegat li l-inkwilinat illum jappartjeni lill-kontendenti l-ohra u lil terzi certament ikun utili li l-istess terzi jissejhu fil-kawza biex kull gudizzju jaghmel stat anki fil-konfront taghhom . Altrimenti dan il-gudizzju ma jkunx integru .

5. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghal premess l-esponenti jirrileva li huwa ma hux edott mill-fatti u cirkostanzi partikolari ghall-kontendenti l-ohra u

certament kull ma sar mill-enti minnu rapprezentant kien in massima bwona fede .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri .

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut Dun Felice Tabone nomine debitament mahlufa minnu .

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Portelli li eccepixxa :

1. Illi fl-ewwel lok l-attur Paul Portelli jrid juri li verament ghadu prokuratur ta’ huh imsiefer, William Portelli, billi jipproduci l-prokura tieghu ;

2. Illi preliminarjament in vista tal-ewwel talba attrici l-gudizzju mhux integru ;

3. Illi din il-kawza hija intempestiva in vista tal-kawza minn l-attur stess imsemmija fic-citazzjoni fl-ismijiet ‘Joseph Portelli vs. L-Eccellenza Tieghu l-Isqof ta’ Ghawdex et’ Citazz. Nru. 161/85 li ghadha pendenti;

4. Illi fl-imsemmija kawza l-attur Paul Portelli eccepixxa ulterjorment illi huwa proprio et nomine illum huwa l-vera inkwilin rikonoxxut mill-konvenut l-Eccellenza Tieghu l-Isqof ta’ Ghawdex nomine bis-sahha tal-iskrittura privata datata 26 ta’ Lulju 1985 liema eccezzjoni hija diametralment opposta ghal ewwel talba tal-istess attur li ghalhekk irid jiddikjara x’qed jippretendi sewwa ;

5. Illi fil-mertu l-lokazzjoni li saret favur l-eccepjent fil-1983 mill-konvenut Dun Felice Tabone nomine hija valida ghaliex missier l-eccipjent, il-mejjet Salvu Portelli, mhux cedilhu l-lokazzjoni imma rrinunzja ghaliha favur l-eccipjent u s-sid accettah bhala l-inkwilin gdid u ghalhekk ma kien hemm bzonn ta’ ebda skrittura biex isir dan ;

6. Illi fi kwalunkw kaz u bla pregudizzju tal-eccezzjonijiet premessi l-azzjoni prezenti li hija intiza sabiex tirrivendika dritt ta’ lokazzjoni causa mortis hija

preskritta bil-preskrizzjoni successorja decennali u ghalhekk t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur proprio et nomine .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess konvenut Joseph Portelli minnu mahlufa .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri ta' l-istess Joseph Portelli li permezz tagħha eċċepixxa illi :

1. Illi bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet minnu ġia mogħtija ħlief fejn modifikati b'dawn l-eċċezzjonijiet ulterjuri, jeċċepixxi fl-ewwel lok illi din il-Qorti hija inkompetenti li tieħu konjizzjoni ta' din il-kawża 'razione valoris' billi l-qbiela tar-raba li tagħha l-atturi qed jippretendu li huma inkwilini hija ta' Lm4 fis-sena u għalhekk skond l-artikoli 755 u 757 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili l-valur tal-mertu ta' din il-kawża huwa ta' Lm4 ;
2. Illi l-eċċipjent bin-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu prinċipali kien eċċepixxa l-intempestivita' ta' din iċ-ċitazzjoni in vista tal-kawża, dak iż-żmien pendenti, fl-ismijiet "Joseph Portelli -vs- L-Eċċellenza tiegħu l-Isqof ta' Għawdex et" Citazz. Nru. 161/85 ;

3. Illi f'dik il-kawża l-istess attur Paul Portelli pro et nomine eċċepixxa illi huma mhux biss inkwilini ex lege bħala eredi ta' Salvatore Portelli imma wkoll l-uniċi inkwilini bis-saħħa ta' skrittura privata tas-26 ta' Lulju, 1995 ;

4. Illi fil-fatt dik il-kawża ġiet deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Mejju 2000 (ara kopja sentenza li qed tiġi esebita bħala Dok O) liema deċiżjoni rriġettat l-pretensjoni tal-atturi, konvenuti appellanti f'dik il-kawża, u rriġettat l-appell tagħhom . F'dik is-sentenza l-Qorti tal-Appell ddikjarat fost affarijiet oħra hekk ;

*"Dan ifisser illi membri oħra tal-familja jidħlu bi dritt biex jissuċċedufil-kirja wara l-mewt ta' l-inkwilin jekk ma jirriżultax li xi membri ta' l-istess familja jkun tul il-ħajja tal-inkwilin akkwista l-vesti ta' ċessjonarju tal-kirja skond il-liġi*

*. F'dan ir-rigward din il-Qorti tasal għall-konklużjoni illi ġie adegwatament provat li l-appellat (l-eċċipjenti) kien akkwista din il-kwalita' u kien proprju għalhekk illi s-sid kien irrikonoxxieh direttament bħala inkwilin wara l-mewt tal-missier" .*

5. Illi għalhekk l-eċċipjent filwaqt li jirtira l-eċċezzjoni tal-intempestivita' taċ-ċitazzjoni qed jeċċepixxi r-'res judicata' billi kif jidher ċar il-mertu ta' din il-kawża ġie deċiz mill-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet imsemmija Citaz: 161/85 fl-ismijiet "Joseph Portelli -vs- L-Eċċellenza tiegħu l-Isqof ta' Għawdex noe et" .

6. Illi fil-fatt wara dik is-sentenza kemm il-konvenut Dun Felic Tabone nomine kif ukoll l-'Joint Office' rrikonoxxew lill-eċċipjenti bħala l-uniku inkwilin leġittimu u ħarġulu rċevuti tal-qbiela tar-raba mertu ta' din il-kawża, kif jirriżulta mit-tlett kopji ta' rċevuti li qed jiġu esebiti u markati Dok X, Y, Z .

7. Illi għalhekk, previa l-akkoljiment tal-eċċezzjonijiet preliminari, din il-Qorti għandha tiċħad id-domandi attriċi bl-ispejjez kollha kontra l-atturi .

Rat is-sentenza preliminari tagħha tad-29 ta' Ottubru 2002 .

Rat il-verbal tagħha ta' l-14 ta' Ottubru 2004 fejn ħalliet il-kawża għall-lum għas-sentenza fuq l-eċċezzjoni tar-*res judicata* .

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ta' l-attur u l-konvenut Joseph Portelli dwar din l-eċċezzjoni .

Rat l-atti l-oħra tal-kawża, inklużi l-atti tal-kawża fl-ismijiet : "Joseph Portelli vs. L-Eċċellenza Tiegħu l-Isqof t'Għawdex et." (ċitaz. Nru. 161/1985) deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fid-19 ta' Mejju 2000, u dana wara li b'verbal tas-17 ta' Ottubru 2003 ġiet ordnata l-allegazzjoni ta' l-istess atti .

Ikkunsidrat :

Illi s-sentenza odjerna tittratta l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenut Joseph Portelli dwar ir-*res judicata,* billi huwa jsostni illi l-istess kwistjoni mertu tal-kawża preżenti ġia ġiet deċiża b'mod definittiv mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tagħha fil-kawża hawn fuq indikata . Il-kwistjoni li trid tiġi għalhekk risolta permezz tas-sentenza preżenti, tirrigwarda l-fatt jekk jikkonkorrux l-elementi kollha meħtieġa sabiex tirnexxi tali eċċezzjoni, u ċioe' dawk ta' l-*eadem res, persone*, u *causa .* Dan ifisser illi fiż-żewġ kawżi, sew dik ġia deċiża kif ukoll dik pendenti, irid ikun hemm l-istess oġġett, l-istess partijiet u l-istess mertu[1] .

Mhux kontestat illi ż-żewg kawżi jittrattaw l-istess biċċa raba u ċioe' l-porzjon art magħrufa bħala "tal-Horob" fil-limiti tax-Xewkija, Għawdex, tal-kejl ta' ċirka erbat itmiem, proprjeta' tal-Knisja Arċipretali ta' San Gorg, f'Ghawdex . Jeżisti għalhekk l-ewwel element ta' l-*eadem res* .

Jirriżulta wkoll illi l-kontendenti fil-kawża preżenti kienu kollha ppartecipaw fil-kawża deċiża mill-Qorti ta' l-Appell . Jeżisti wkoll l-element ta' l-*eadem personae* .
Jibqa' biss għalhekk sabiex jiġi determinat jekk il-mertu fiż-żewġ kawżi huwiex simili wkoll . L-attur proprio et nomine bil-kawża preżenti qed jitlob :

i. id-dikjarazzjoni li d-drittijiet lokatizji fuq dan ir-raba' li kienu jappartjenu lil Salvu Portelli, llum jappartjenu lil uliedu kollha ;

ii. id-dikjarazzjoni li għalhekk Joseph Portelli mahux inkwilin uniku ; u

iii. konsegwentement id-dikjarazzjoni li r-reġistrazzjoni ta' Joseph Portelli bħala uniku inkwilin ta' l-istess raba hija nulla u mingħajr effett .

Fil-kawża l-oħra l-konvenut odjern Joseph Portelli kien talab :

[1] Ara Prim'Awla 25.9.2003 : Charles Cortis vs Francis Aquilina et .

i. dikjarazzjoni illi din l-istess biċċa raba tinsab validament imqabbla lilu bħala uniku inkwilin; u konsegwentement

ii. li l-kirja ta' l-istess raba magħmula mill-uffiċċju parrokjali ta' San Ġorġ hija nulla u bla effett legali .

Huwa għalhekk evidenti illi ż-żewġ kawżi jittrattaw l-inkwilinat tar-raba *de quo* u jfittxu li jiddeterminaw fuq min minn ulied l-inkwilin oriġinali Salvu Portelli għadda l-istess inkwilinat . Konsegwentement jeżisti wkoll it-tielet element ta' l-*eadem causa petendi* .

Il-Qorti ta' l-Appell fil-kawża ċitaz. nru, 161/1985, ikkonfermat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti li kienet laqgħet it-talba ta' Joseph Portelli u ddikjarat li din l-għalqa kienet ġiet validament imqabbla lilu bħala uniku inkwilin . Ġie spjegat b'mod inekwivoku fl-istess sentenza ta' l-Appell illi, ġialadarba kien hemm ċessjoni valida skond il-liġi li tirregola t-tiġdid tal-qbejjel (il-Kap. 199) tad-drittijiet lokatizji li kellu Salvu Portelli l-inkwilin oriġinali, a favur ta' ibnu Joseph : "… **Dan ifisser illi membri oħra tal-familja kienu jidħlu bi dritt biex jissuċċiedu fil-kirja wara l-mewt ta' l-inkwilin biss jekk ma jirriżultax li xi membru ta' l-istess familja ikun tul il-ħajja ta' l-inkwilin akkwista l-vesti ta' ċessjonarju tal-kirja skond il-liġi . F'dan ir-rigward, din il-Qorti tasal għall-konklużjoni illi ġie adegwatament provat li l-appellat kien akkwista din il-kwalita' u kien proprju għalhekk illi s-sid kien irrikonoxxieh direttament bħala inkwilin wara l-mewt tal-missier**."[2]

Ġialadarba għalhekk ġia teżisti din is-sentenza li għaddiet in ġudikat u li ddikjarat b'mod illi ma jħalli ebda dubbju illi l-konvenut Joseph Portelli huwa l-inkwilin validament rikonoxxut mis-sid tar-raba *de quo,* din l-Qorti ma tistax tifhem kif l-attur proprio et nomine għadu jippretendi illi din il-Qorti tista' qatt tmur kontra dak li ġie hekk deċiż u b'hekk tilqa' t-talbiet preżenti tiegħu . Huwa minnu illi meta ġiet intavolata l-kawża preżenti, l-kawża l-oħra

[2] ara senetenza ndikata a fol. 49 - 50 tal-process .

kienet għadha pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell, u allura f'dak l-istadju tal-proċeduri ma kienx għad hemm ġudikat definittiv dwar din il-kwistjoni, imma llum ma jistax jingħad hekk, u din il-Qorti hija marbuta b'dak li ġie deċiż fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fuq l-istess kwistjoni . Kif ġie ribadit mill-Qrati tagħna: " … *l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha bħala sisien tagħha l-interess pubbliku u hija maħsuba biex tħares iċ-ċertezza tal-jeddijiet li jkunu ġew definiti f'sentenza, li tbiegħed il-possibilita' ta' deċiżjonijiet li jmorru kontra xulxin u li ttemm il-possibilita' ta' kwestjonijiet li jibqgħu miftuħa bi ħsara tal-jeddijiet stabiliti bis-sentenza illi tkun ingħatat*."[3]

Billi għalhekk jirriżulta li jikkonkorru t-tliet elementi meħtieġa sabiex tirnexxi eċċezzjoni tar-*res judicata*, l-attur ma jistax jirnexxi fit-talbiet tiegħu .

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tilqa' din l-eċċezzjoni tal-konvenut Joseph Portelli, tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra l-attur, apparti dawk tas-sentenza preliminari tagħha tad-29 ta' Ottubru 2002, li għandhom jiġu issopportati ugwalment bejn il-konvenut Joseph Portelli u r-reverendu Dun Feliċ Tabone nomine, li t-tnejn kienu qajmu l-eċċezzjoni dwar l-inkompetenza ta' din il-Qorti *ratione valoris*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------

[3] Cortis vs Aquilina gia citata .